**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 70 - IT-TLIETA 20 TA' FRAR 2018**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-17.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Clinton Sammut | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier (wasal fis-18:07) |
| | Noel Gatt | Kunsillier (wasal fis-17:55) |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kinsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Louise Mallia | Skrivana |

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1. Is-SE kien avżat mill-Kunsillier Gatt li se jasal ftit tard.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

2.2. Is-Sindku ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier Sammut issekonda. Dawn ġew aprovati nem con.

2.3. Dwar 7.1 is-Sindku kienet qed tipproponi li t-target date għal ġnien ta' Triq il-Forġa tkun għal Ġunju 2018. Għanda tikteb lis-Sur Anġlu Xuereb biex iżommha infurmata.

2.4. Dwar 3.8 is-Sindku infurmat li l-ftehim biex il-football nursery jieħu sehem fl-International Football Tournament fil-Bulgarija kien tħassar minħabba li ma sabux biżżejjed konkorrenza ta' parteċipanti.

2.5. Dwar 3.5 wara l-laqgħa mal cat feeders, il-Kunsillier Spiteri informa li kien ipprepara disinn għall-post għall-qtates. Dan ikun hub għall-cat feeders u fl-istess ħin ikun ta' kenn kemm għalihom u kif ukoll għall-qtates. Il-ħsieb tiegħu hu li jinkludi struttura bħal gazebo lejn in-naħa ta' Triq l-Ingilterra. Din għandu jkollha ventilazzjoni tajba u mhux fuq il-ħamrija. Is-Sindku infurmat li id-Direttur tal-Animal Welfare qed

jikkunsidra joħroġ skema ta' finanzjament għal proġetti simili. Sadanittant kien hemm qbil li fejn il-ħadid li jdawwar il-ħamrija mhux neċessarju, għandu jitneħħa.

2.6. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Gatt.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1. Is-Sindku semmiet numru ta' laqgħat li kellha u li se jkollha matul ix-xhur ta' Frar u Marzu, kif ukoll diskussjonijiet u avviżi.

3.2. Fit-28 ta' Jannar ġiet mistiedna bħala Sindku biex tattendi għall-Laqgħa Ġenerali ta' l-Iscouts tan-Naxxar.

3.3. Fl-1 ta' Frar bdew ix-xogħlijiet minn TM fuq Triq Sta. Fawstina Kowalska.

3.4. Fit-2 ta' Frar bdew ix-xogħlijiet ta' rranġar tal-bandli fi Ġnien Toni Vella (fuq 12 il-ġimgħa)

3.5. Fis-6 ta' Frar, kellha laqgħa fir-Regjun Tramuntana dwar attivitajiet.

3.6. Fis-7 ta' Frar, kellha laqgħa mal-konsulent Fondi tal-EU flimkien mal-Għaqda Kulturali Wirt Naxxari dwar Fond European Remembrance - End of World War I/II, Event f'kull Pajjiż għal 12/18 Il-xahar, li għalihom hemm €97,500 ivvutati.

3.7. Fis-7 ta' Frar, kellha laqgħa ta' rutina mal-Ispettur tal-Pulizija tan-Naxxar.

3.8. Fid-9 ta' Frar, laqgħa ma' LEAP, Qawra, dwar servizz ta' psikologu u servizzi oħra li joffru għal min ikun fil-bżonn, inkluż ħwejjeġ.

3.9. Fis-7 ta' Frar, fi Vjal 21ta' Settembru sar xogħol ta' mmarkar ta' żewġ zebra crossings fi Vjal il-21 ta' Settembru b'materjal speċjali u b'xogħol li sar minn esperti barranin. Sar ukoll materjal fuq parti minn bankina fi Vjal il-21 ta' Settembru. Dan kollu sar bi prova u bla ħlas mill-Grech & Ellul ta' Triq tal-Labour.

3.10. Fil-15 ta' Frar se jkun hemm l-ewwel smiegħ dwar PA2745/09 redevelopment of an existing Concrete Production Plant into an industrial park. Is-smiegħ li jmiss għall-pubbliku jkun fit-22 ta' Frar. Il-Kunsilier Spiteri kellu laqgħa mal-bord u jidhirlu li l-proġett se jikkonstitwixxi upgrade taż-żona.

3.11. Fis-16 ta' Frar saret l-EM Citizen launch minn TCTC.

3.12. Fid-19 ta' Frar saret laqgħa ma' uffiċjal mill-MEUSAC (Kurt Cortis) dwar proġetti tal-EU.

3.13. Saret laqgħa għall-anzjani minn Spettur tal-Pulizija dwar serq fid-djar li intlaqgħet tajjeb ħafna.

3.14. Is-Sindku rċeviet ittra ta' awguri mis-Safari Camping Site.

3.15. Nhar l-Erbgħa 14 ta' Marzu se jkollha laqgħa mar-residenti ta' SPTT dwar il-Proġett tal-Ex Trade Fair Grounds.

3.16. Fil-5 ta' Marzu se ssir laqgħa u diskussjoni dwar Jum il-Mara mid-9.30 sa 12.00.

3.17. Is-Solidarity for Heritage Project- Fakkret li dan huwa proġett iffinanzjat mill-UE li l-Kunsill daħal għalih bi sħab u li ġie approvat. L-ewwel laqgħa (kick-off meeting) se jsir fi Strumyani (leaders) mis-6 sal-10 ta' Marzu, fejn mistidnin jittellgħu 3 parteċipanti relatati mal-proġett. Għalhekk se jipparteċipaw l-Għaqda Kulturali Wirt Naxxari.

3.18. Dwar il-kwistjoni tas-siġar f'Labour Avenue is-Sindku semmiet li fit-13 ta' Frar ġew traslokati s-siġar tar-rand. Hija għamlet riferenza għall-kummenti li saru fuq il-mezzi soċjali u semmiet li l-Kunsill għandu l-obbligu li jieħu d-deċiżjonijiet li mhux dejjem huma faċli. Kompliet li l-Kunsill iddeċieda b'mod matur u b'mod unanimu u ddiskuta d-diffikultajiet li se jsib quddiemu. Apparti li nstab li s-siġar kienu fi stat ħażin ħafna il-Kunsill għamel minn kollox biex isalvahom u issa qed jiġu indukrati mill- ELC biex imbgħad jiġu miżrugħa f' Masġar it-Tfal. Hija fakkret li kienet imxiet ma' persuna nieqsa mid-dawl u hija verità li dawn kienu ta' ostaklu. Din kienet l-aħjar deċiżjoni biex jiġu salvati dawn is-siġar u fl-istess ħin il-Kunsill qiegħed iħalli n-nofs tal-bankina aċċessibbli. Insistied li l-Kunsill mhux kontra li jkun hemm siġar u arbuxelli u fil-fatt, apparti l-ammont kbir ta' siġar li ħawwel il-Kunsill matul is-snin, fil-budget ta' din is-sena l-Kunsill ivvota Eur30K biex ikompli jħaddar in-Naxxar.

3.19. Fis-18.07 wasal il-Kunsillier Galea.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1. Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-kunsilliera.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

5.1. Il-Kunsill approva (nem con) il-lista ta' pagamenti kif annessa f'A wara proposta mill-Kunsillier Galea u ssekondata mill-Kunsillier Cuomo.

5.2. Il-Kunsill approva wkoll ir-rendikonti tad-dħul u ordnijiet u l-infiq mill-Petty Cash. Dawn huma annessi f'B, Ċ u D rispettivament.

5.3. Il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju Ott-Diċ 2017 wara proposta mis-Sindku u ssekondata mill-Kunsillier Sammut.

5.4. Il-Kunsill approva r-Rapport Finanzjarju 2017 (Financial Statements) wara proposta mill-Kunsillier Sciberras u ssekondata mill-Kunsillier Gatt. Dawn issa se jgħaddu għand l-Awdituri għall-verifika. Is-SE spjega li s-sitwazzjoni finanzjarja hija waħda tajba ħafna.

## 6. KUMITATI GĦAŻ-ŻONI

6.1. Is-Sindku ssuġġeriet li jiġu ffurmati kumitati għaż-żoni u pproponiet li jkunu f'idejn il-Kunsilliera kif ġej: SPTT - il-Kunsiller Spiteri; Salina u Triq Burmarrad – il-Kunsillier Gatt; Il-Magħtab – il-Kunsillier Agius; iċ-Ċentru – s-Sindku; is-Simblija – il-Kunsillier Sciberras; Birguma – il-Kunsiliier Brincat; is-Sgħajtar (ismijiet pajjiżi) – il-Viċi-Sindku; is-Sgħajtar (ismijiet frott) – il-Kunsillier Galea u Baħar iċ-Ċagħaq – il-Kunsillier Cuomo.

6.2. Kien hemm diskussjoni fejn intwera ammont ta' xettiċiżmu minn xi Kunsillieri dwar l-effettività ta' kumitat simili. Dan ibbażat fuq l-esperjenza u għaliex illum jeżistu diversi mezzi ta' komunikazzjoni li wieħed jista' jesplora.

6.3. Il-Kunsillier Galea ppropona li minflok il-Kunsill jista' jesplora l-possibiltà li jsejjaħ laqgħat f'dawn iż-żoni għaliex b'hekk ikun eqreb lejn ir-residenti.

6.4. Kien hemm qbil li dan is-suġġett jerġa jiġi diskussa waqt il-laqgħa li jmiss.

**7. RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-FINANZI**

7.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret fil-15 ta' Frar 2018.

7.2. Mistoqsi dwar proposta 5.1 is-SE spjega li x-xiri tal-Adobe Acrobat se sservi biex ikun hemm sistema tal-filing elettronika u li tnaqqas il-karti. Ma' dan imbagħad ried ikun aċċertat li s-server ikun wieħed b'saħħtu u sikur.

7.3. Il-Kunsill approva l-minuti li ġie propost mis-Sindku u ssekondat mill-Kunsillier Brincat.

**8. RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-ILMENTI**

8.1. Is-SE ressaq il-minuti mill-Kumitat tal-Ilmenti tal-15 ta' Frar 2018.

8.2. Il-Kunsill approva dawn il-minuti wara proposta mis-Sindku u ssekondat mill-Kunsillier Cuomo.

**9. RAPPORT MILL-KUMITAT AMMINISTRATTIV**

9.1. Il-Kunsillier Cuomo semmiet li l-Kumitat baqa' jiltaqa' regolarment biex jiddiskuti materji li jolqtuhom. Infurmat ukoll li l-Kumitat approva li f'Xatt il-Palm għandhom jinqalgħu il-bankini, isiru dwal ġodda u kisi mill-ġdid tat-triq.

9.2. Is-Sinj. Cuomo infurmat ukoll li l-Kumitat għadu pre-okkupat ħafna bis-sitwazzjoni tal-mogħdija bejn il-Magħtab u Baħar iċ-Ċagħaq.

**10. RAPPORT MILL-LAQGĦA TAL-LOKALITÀ**

10.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Lokalità li saret fit-23 ta' Jannar 2018.

10.2. Kien espress id-diżappunt min-naħa tal-Kunsill li minkejja li sar reklamar skont kif titlob il-liġi, l-attendenza kienet fqira ħafna. Il-Kunsillier Brincat issuġġerixxa li l-attendenza mill-għaqdiet għandha tkun obbigatorja.

10.3. Is-SE irrimarka li mill-esperjenza n-nuqqas t'attendenza jixhed li għar-residenti m'hemm l-ebda kwistjoni ta' pre-okkupazzjoni għaliex fil-passat kull meta kien hemm kwistjoni r-residenti dejjem attendew. Fakkar ukoll meta żewġ laqgħat tal-lokalità ilu l-Kunsill kien għamel l-akbar kampanja pubbliċitarja li qatt għamel għal din il-laqgħa u l-attendenza xorta kienet fqira. Informa li din hija infatti wkoll irreġistrata fil-minuti tal-laqgħa partikulari.

**11. IL-PJAN TA' TLIET SNIN 2018-2020**

11.1. Is-SE ippreżenta l-pjan li kien meqjus moqri.

11.2. Il-Kunsillier Sciberras informa li xtaq li kieku l-Kunsillieri jingħataw iċ-ċans li jifluh bil-kwiet u jiddeċiedi wara.

11.3. Is-SE informa li filwaqt li din hija sitwazzjoni ideali l-Kunsill kellu jżomm quddiem għajnejh li dewmien fl-approvazzjoni jfisser dewmien biex jibdew ċertu proġetti.

11.4. Is-SE informa wkoll li l-Kunsill jibqa' marbut mal-Pjan sakemm biss ma jiddeċidix li jibdel minnu meta u kif ikun jixtieq. Fakkar ukoll li l-Pjan huwa bbażat fuq deċiżjonijiet jew ħsibijiet diġà espressi mill-Kunsill.

11.5. Il-Kunsill imbagħad approva l-Pjan fuq proposta mis-Sindku u ssekondata mill-Kunsillier Galea.

**12. IMPJIEG TA' SKRIVAN/A MAL-KUNSILL**

12.1. Is-Sindku ppreżentat ir-rapport mill-Bord tal-Għażla għall-ħatra ta' skrivan/a (skala 13) mal-Kunsill. Il-Kunsill approva dan ir-rapport u għalhekk qabel li tkun impjegata s-Sinj. Gloria Debono wara li saret sejħa interna fost il-Kunsilli Lokali.

12.2. Sadanittant il-Kunsill qabel li tinħareġ sejħa oħra għal skrivan wara r-riżenja ta' skrivan. Il-Kunsill approva li biex ma jkunx hemm dewmien żejjed, dak li jiddeċiedi l-Bord tal-Għażla jkun meqjus approvat mill-Kunsill u għalhekk il-proċess jibqa' għaddej.

**13. KOLLABORAZZJONI MAL-GĦAQDIET**

13.1. Issemma li l-Kunsill regolarment jieħu diversi inizjattivi fosthom inizjattivi edukattivi akkademiċi, fiżiċi u anki kompjuter. Għalhekk wasal iż-żmien li l-Kunsill jindaga l-possibiltà ta' inizjattivi ta' tagħlim tal-mużika bi sħab mal-għaqdiet lokali.

13.2. Il-Kunsill qabel għalhekk li l-Kunsillier Gatt jindaga mal-għaqdiet kif tista'ssir tali kollaborazzjoni u inizjattivi.

**14. ĦATRA TAL-BORD TAL-GĦAŻLA GĦALL-PREMJU ĠIEĦ IN-NAXXAR**

14.1. Il-Kunsill kien infurmat li għad hemm għaqdiet li għadhom ma bagħtux ismijiet biex ikunu fuq il-Bord. Il-PN innomina persuna waħda.

14.2. Il-Kunsill qabel li dan is-suġġett ikun aġġornat għal laqgħa oħra.

**15. KONSULTAZZJONI DWAR ĠNIEN ĠDID FI TRIQ TAL-LABOUR**

15.1. Għad ma wasalx ir-rapport mingħand il-konsulenti biex tkun tista' ssir il-konsultazzjoni mal-pubbliku.

**16. INIZZJATTIVI FUQ TURIŻMU**

16.1. Il-Kunsillier Cuomo pproponiet li s-Sur Julian Zarb (espert fuq it-turiżmu) jiltaqa' ma' persunaġġi Naxxarin u joħroġ ktieb fuqhom. Għandu wkoll ħsibijiet ta' inizjattivi ta' turiżmu.

16.2. Il-Kunsill qabel mal-ħsieb iżda deċiżjoni tittieħed wara li jkollu kwotazzjoni għal dan ix-xogħol.

**17. PROĠETTI FIL-PJAN U TWETTIEQ**

17.1. Il-Kunsill ingħata rendikont tal-proġett fit-twettieq. Dawn jinkludu:

17.2. Il-proġett tal-football pitch li se jinkludi t-tneħħija tal-injam u parti minnu titressaq lejn it-taraġ biex jipproteġi minn xi aċċidenti. Fakkar li għandha ssir xibka fuq biex ma joħorġux blalen barra. Sadanittant qed issir diskussjoni dwar l-aħjar dwal għall-bandli.

17.3. Il-Proġett biex tissewwa l-ħsara fil-latrina. Il-kuntrattur li qed jaħdem fuq il-bandli se ssir kordinazzjoni miegħu biex isolvi l-ħsara.

17.4. Il-Proċess tal-bankina fit-Triq tal-Labour – qed nistennew li jkollna stima għal survey.

17.5. Proġett għal Triq Santa Luċija – diġà saru laqgħat mal-Inġinier iżda qed tkun mistennija stima għal survey tat-triq.

17.6. Triq il-Markiż Scicluna- jonqos tarmak biss u mistenni jsir fil-viċin.

17.7. Isiru t-tabelli għall-proġetti-Is-SE qed jaħseb biex jipprepara disinn.

17.8. L-Outdoor gym - l-approvazzjoni tal-PA għad trid tasal. Sadanittant il-Kunsill qabel li għandu jkun hemm WIFI spot mal-outdoor gym.

**18. PJAN TA' ATTIVITAJIET MATUL IS-SENA**

18.1. Il-Kunsill iffissa dawn id-dati għall-attivitajiet li ġejjin:

18.2. Fit-23 ta' Ġunju - Ħuġġieġa ta' San Ġwann.

18.3. Fil-11ta' Diċembru-Jum in-Naxxar.

18.4. Fil 15 u 16 ta' Diċembru-Milied fin-Naxxar.

18.5. Kien hemm stedina mill-Knisja biex waqt il-purċissjoni jimxu warajha il-Kunsilliera.

18.6. Is-SE ġibed l-attenzjoni li mingħajr għajnuna se tkun diffiċli wisq għall-Amministrazzjoni li jaħdem fuq dawn l-attivitajiet. Fakkar li hemm numru akbar ta' attivitajiet minn dawn imsemmija u oħrajn li għalkemm mhux direttament tal-Kunsill, l-involviment Amministrattiv huwa kbir immens.

**19. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

19.1 Il-Kunsill qabel li llaqgħa li jmiss issir fl-27 ta' Marzu.

19.2 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-7.35.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |